GUDJA

Minuti tal-erbgħa u erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 30 ta' Mejju 2012.

Preżenti:

Sindku: John Mary Calleja
Viċi-Sindku: Romeo Baldacchino
Kunsillieri: Mark Anthony Sammut, Osvaldo Pace u Anthony Dalli

1. Approvazzjoni ta' minuti – 43/6 (26 t'April 2012)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsilliera

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti; b. Ittri li ntbagħatu; c. Ittri li rċevejna

4. Management Letter

5. Proġett tal-Mitħna Housing Estate mal-Awtorita tad-Djar- Konklużjoni

6. Tenders (follow up):-
   a. GLC/01/2012 – Road works
   b. GLC/04/2012 – Patching works

7. Ħruġ ta' tenders ġodda u kwotazzjonijiet:-
   a. GLC/06/12 - Servizz ta' accountant
   b. GLC/07/12 - Insurance Broker
   c. GLC/08/12 - Ġbir ta' skart domestiku bieb bieb u provvista ta' bins-on-wheels
   d. GLC/09/12 - Manutenzzjoni u provvistata' tabelli u sinjali
   e. Quot/01/12 – Office stationery
   f. Quot/02/12 – Żebgħa – road markings
   g. Quot/03/12 – Photocopier
   h. Quot/04/12 – Sinjali u tabelli tat-traffiku
   i. Quot/05/12 – Supply, assemble and install 40mm aluminium tube stainless stell colour together with necessary fittings for hand trail.

8. Jum il-Gudja – 15 ta' Lulju

9. Finanzi
   a. Petty Cash; b. Skeda ta' pagamenti;
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

10. Għeluq tal-laqgħa

Ftuħ tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-6.05p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti – 43/6 (26 t'April 2012)**

1.1 Il-minuti tal-laqgħa tas-26 ta' April 2012 laqgħa numru 43 tas-Sitt Kunsill li kienu diġa ġew iċirkulati għand il-Kunsillieri kollha qabel din il-laqgħa ġew approvati nem con.

1.2.0 Affarijiet li tqajmu mill-minuti

1.2.1 Il-Kunsill qabel li l-attivitajiet kollha li fijhom ikun sejjer jieħdu sehem il-Kunsill jew li fijhom ikun assoċjat il-Kunsill għandhom jiġu ċirkulati għand il-Kunsillieri kollha minn żmien qabel sabiex kull Kunsillieri ikun jista' jattendi kif ikun jixtieq.

1.2.2 Tema GLC/04/2012 paġna 6 Patching works. Il-Kunsill iddeċieda li jżomm il-garanzija ta' €1100.00 u li jitlob lill-HSBC sabiex iħallas dan l-ammont skond l-istess garanzija.

1.2.3 Tema Footpaths & Pavements works paġna 6. Il-Kunsill ġie infurmat li dan il-kuntratt ġie iffirmat mal-kuntrattur CMG Developers Ltd. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll illi l-kuntratt tal-Ġonna ġie iffirmat mal-kumpanija ELC.

## 2.0 Kommunikazzjonijiet

2.1.0 Sindku

2.1.1 Double Yellow line fis-service road fi Vjal it-Torri, Gudja. Is-Sindku qal li Sur Gejtu Mizzi talab li jsir dan id-Double yellow line għaliex ma jkunx jista' joħroġ mill-garaxx peress li jagħlqu l-faċċata tiegħu. Il-Kunsill qabel li nitolbu l-permess ta' Trasport Malta (TM).

2.1.2 Xelter taħt il-bini tal-Kunsill fi 88, Triq Raymond Caruana, Il-Gudja. Is-Sindku qal li huwa mixtieq li nippreparaw dan il-lok u meħtieġ li nagħmlu ċint tal-ġebla antika u li jisr railing tal-ħadid mill-kantina sabiex kull min ikun irid jidħol fix-xelter ikun jista' jagħmel dan b'mod faċli.

2.1.3 Ħaddiema assenjati mal-Kunsill. Is-Sindku qal li dawn il-ħaddiema (5) jinsabu jaħdmu f'diversi postijiet madwar il-Gudja. Is-Sindku talab jinfurmaw lill-Kunsill dwar dak ix-xogħol meħiteġ sabiex dawn jidħlu fil-programm tax-xogħol skond il-prijorita tagħhom.

2.2.0 Viċi-Sindku

2.2.1 Playing fields. Is-Sur Baldacchino qal li dan il-punt qam waqt il-laqgħa tas-Sindki u l-Viċi-Sindki li huwa kien preżenti f'isem il-Kunsill.

Saret diskussjoni dwar il-ħtieġa li jsiru xogħlijiet minkejja li l-Kunsill għad ma għandux risposta dwar l-applikazzjoni dwar il-fondi meħtieġa.

Il-Viċi-Sindku qal li kien qed jaħdem dwar dan bil-għan li jintużaw l-fondi tal-UIF u għalhekk sejjer jagħmel kuntatt mal-Perit tal-Kunsill sabiex issir applikazzjoni kif ikun meħtieġ.

2.2.2 Attivita mal-GreenPak. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill ħadem dwar din l-attivita flimkien mal-iskola Primarja tal-Gudja.

Is-Sur Baldacchino qal li l-iSkola tal-Gudja kienet rebbieħa peress li ġabret 980kgs. Kull tifel u tifla ġabru skart riċiklabbli ta' 16 il-kila kull wieħed/waħda.

Is-Sur Baldacchino qal li f'isem il-Kunsill Lokali Il-Gudja huwa xtaq jifraħ lill-iSkola Primarja Gudja u lill-kull min ħa sehem f'din l-attivita ta' suċċess għaliex b'hekk kompla jiġi stabbilit li Il-Gudja tinsab fuq quddiem fil-qasam ta' ġbir ta' skart riċiklat u fil-ħidma sabiex ikollna ambjent dejjem aħjar.

2.3.0 Kunsillieri

2.3.1 Mark-Anthony Sammut

a. Residential Parking. Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill għandu jinforma lit-TM sabiex Triq Ħal Resqun għandha tkun immarkata kollha dwar il-proġett ta' residential parking.

Is-Sur Sammut qal li huwa maħsub li meta t-TM tapprova r-residential parking fit-toroq diġa imsemmija mill-Kunsill, il-Kunsill ikun jista' japplika għat-toroq kollha tal-Gudja peress li hija l-Gudja kollha li qed tiġi affettwata ħażin bl-ipparkjar ta' vetturi ta' nies li mhux residenti fil-Gudja u li jkunu jew l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja jew anke jħallu l-vetturi tagħhom fil-Gudja meta huma stess jagħmlu l-vjaġġi tagħhom barra minn Malta.

b. Residential Parking – Ħinijiet. Is-Sur Sammut għamel referenza għall-ittra tat-TM u l-Kunsill qabel li jinforma lill-TM li:-

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa l-parking ikun għar-residenti biss mill-4.00p.m. sas-7.00a.m.

Weekend u l-Festi – Il-ġurnata kollha – 24 siegħa (il-ġurnata kollha).

Karozzi ta' kumpanji li jkunu misjuqa minn nies li joqgħodu fil-Gudja. Il-Kunsill qabel li jkun jista' joħroġ permess speċjali meta jingħata dokumenti meħtieġa sabiex jiġi assigurat li dan ikun każ ġenwin. Dokumenti meħtieġa huma 1) Ċertifikat mill-ETC li juri l-impjieg mal-kumpanija sid tal-vettura li tagħha tkun tiġi parkjati fil-Gudja f'ħinijiet stabbiliti bħala residenti tal-Gudja. 2) Ikun meħtieġ ukoll ittra mill-prinċipal li juri li r-residenti tal-Gudja għandu f'idejh dik l-vettura bħala uffiċjal tal-kumpanija u għalhekk l-vettura tkun tista tipparkja fil-Gudja bħala residenti anke jekk l-indirizz tal-Prinċipal ma jkunx fil-Gudja.

c. Attivitajiet f'Jum il-Gudja 2012. Is-Sur Sammut qal li l-programmi sportivi ser ikomplu ukoll anke waqt l-attivitajiet ta' Jum il-Gudja 2012.

2.3.2 Osvaldo Pace

a. Dwar Lejla Gudjana. Is-Sur Pace qal li din kienet attivita ta' suċċess speċjalment li spiċċat b'Mass Band magħmula miż-żewġ baned dik ta' Għaqda Mużikali Marija Assunta u s-Soċjeta Filarmonika La

Stella ġewwa l-Gudja. Il-Kunsill qabel li jagħmel kull finanzjament meħtieġ dwar din l-attivita u li jinkisbu l-fondi ta' €2000.00 dwar skemi speċjali dwar dawn l-attivitajiet u anke sponsor ta' €500.00 imwiegħed mill-MIA.

b. Mappa Turistika tal-Gudja. Is-Sur Pace qal li issa dawn il- mapep ġew stampati u li lesti, għandha sabiex issir okkażjoni ta' tqassim lill-pubbliku fuq livell Nazzjonali.

Il-Kunsill qabel li jagħmel il-finanzjament ta' €2300.00 – somma totali ta' dawn il-mapep.

Il-Kunsill qabel ukoll li fil-lokalitajiet msemmija f'din il-mappa jssiru tabelli li jagħtu informazzjoni tal-lok muri per eżempju – Kappella – storja tagħha.

c. Stemma tal-Kunsill Lokali Il-Gudja. Il-Kunsill qabel li jaħtar lis-Sur Mario Gatt sabiex jagħmel studju ta' l-istemma tal-Kunsill Lokali Il-Gudja u wara dan l-istess rapport jiġi użatt għat-talba tal-Kunsill li jibdel l-istemma preżenti li qisa dik tal-Munxar u mhux dik ta' seba' ponot kif oriġinarajment turi l-Gudja bħala omm ta' seba' ulied.

d. Knisja Arċimatriċi u Arċipretali tal-Gudja. Il-Kunsill qabel li jitlob lill-Arċipriet Rev. Dun Martin Cardona sabiex f'ċerti okkażjonijiet u ġranet iħalli l-Knisja miftuħa sabiex il-pubbliku jkunu jista' iżur din il-Knisja bit-teżori tagħha.

2.3.3 Anthony Dalli.

a. Kors Health & Safety. Is-Sur Dalli qali li l-Kunsill kien sejjer jibda kors fil-Health & Safety li ġentilment sejjer issir mis-Sur Loreto Dalli fiċ-Ċentru ta' Taħriġ u Tagħlim Matul il-Ħajja u dan mingħajr ħlas.

Is-Sur Dalli qal li dan il-kors sejjer jibda fit-12 ta' Ġunju 2012 u jsir kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis peress li l-attendenza għal dan il-kors kienet tajba ħafna.

b. Rendikont tal-ħarġa soċjali fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm. Is-Sur Dalli ippreżenta rendikont tal-attivita li saret fis-17 ta' Mejju 2012 li juri żbillanċ ta' €210.55 li għalih għamel tajjeb il-Kunsill kif kien diġa awtorizzat mill-Kunsill.

c. Ħarġa Soċjali fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier. Is-Sur Dalli qal li kien qed jipprepara dwar din il-ħarġa soċjali. Il-Kunsill qabel li din il-ħarġa soċjali u edukattiva issir fit-28 ta' Ġunju 2012 u qabel ukoll li jagħmel tajjeb għal xi żbillanċ li jista jirriżulta dwar din l-attivita.

## 3.0 Rapporti

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Skips tas-separazzjoni tal-iskart f'Tal-Mitħna. Is-Sur Baldacchino qal li kellu diversi ilmenti li dawn l-iskips li kienu f'post sikur fuq biċċa art faċċata tal-garaxxijiet tneħħew minn dan il-lok u ġew imqegħda fuq

bankina u li dawn qed jiżgombraw il-bankina bil-periklu li min ikun fuq il-bankina jkollu jinżel fit-triq bir-riskju li jaqla xi daqqa ta' karozza.

Is-Sindku qal li kien huwa stess li neħħa dawn l-iskips peress li kellu ilment minn wieħed mis-sidien tal-garaxxijiet għaliex kien l-iżvok tiegħu li jkun jieħu gost bl-għasfur tiegħu quddiem il-garaxx fejn eżattament kienu ġew impoġġija dawn il-bins tas-separazzjoni tal-iskart mill-istess Awtorita tad-Djar.

Is-Sur Baldacchino qal li jħoss li min ilmenta dwar fejn kienu tpoġġew dawn l-iskips tas-seprazzjoni ta' l-iskart mill-Awtorita tad-Djar m'għandux ilment ġustifikat.

Saret diskussjoni dwar fejn jistgħu jitpoġġew dawn l-iskips u finalment il-Kunsill iddeċieda li jekk ma jinstabx post addattat dawn l-iskips jerġgħu jitpoġġew faċċata tal-garaxxijiet fejn kienu tpoġġew mill-Awtorita tad-Djar.

3.1.2 Ilment dwar ħmieġ mill-qtates f'diversi inħawi fil-Gudja. Is-Sur Sammut qal li qed jaslulu ħafna ilmenti dwar ħmieġ li qed jinħoloq billi xi nies qed iħallu ikel barra għall-qtates kif ukoll ikun hemm ħmieġ ieħor.

Il-Kunsill qabel li għandha tinżamm l-indafa u kull min jagħti l-ikel lill-qtates għandu ukoll jara li l-post jinżamm nadif.

3.1.3 Lista tal-ilmenti. Dwar l-ilmenti l-oħra l-Kunsill ġie infurmat li l-ilmenti qed jiġu konsidrati malli jaslu għand il-Kunsill u dawn l-ilmenti jibqgħu jiġu segwiti kif ikun meħtieġ u li min jagħmel l-ilment jibqa' jiġi nfurmat dwar dan minn żmien għal żmien.

3.2.0 Ittri li ntbagħtu

3.2.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' l-ittri li ntbagħtu mill-Kunsill u qabel li jkompli jsegwi l-progress kif ikun meħtieġ.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Ittra mill-Kumitat tal-Gudja u l-Gudja Youth Nursery. Il-Kunsill ġie infurmat dwar it-talba sabiex il-Kunsill iħallas it-trasport għat-taħriġ tal-Youth Nursery fil-Qrendi.

Il-Kunsill ħa ukoll konjuzjoni tat-tweġiba tal-Kunsill datata 22 ta' Mejju 2012 u qabel ukoll li deċiżjoni tal-Kunsill trid tkun konformi mal-liġi u l-proċeduri finanzjarji dwar il-Kunsilli Lokali.

3.3.2 Talba tal-Gudja United FC sabiex il-Kunsill ikun sponsort ta' big screen dwar il-logħob tal-EuroCup. Il-Kunsill ikkonsidra t-talba tal-Gudja United FC, u wara deliberazzjoni l-Kunsill iddeċieda li din tista tkun konsidrata bħala donazzjoni li mhux permessa mill-liġi dwar il-Kunsilli Lokali u għalhekk ma tistax tilqa t-talba tal-Gudja United FC.

3.3.3 Management Letter mill-Awdituri Grant Thorton datata 26 t'April 2012 u abbozz tar-risposta tal-Kunsill. Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-kontenut tal-ittra tal-Awdituri li kienet ukoll diġa ċirkulata għand il-Kunsillieri kollha u qabel ukoll li jirrispondi skond l-abbozz tar-risposta u jaġixxi kif ikun meħtieġ.

Il-Kunsill qabel li jimxi fuq il-pariri tal-Awdituri u jara li jaġixxi skond kif indikat mill-Awdituri. Il-Kunsill qabel li jirringrazzja lill-Awdituri għall-ħidma tagħhom mal-Kunsill.

**Għeluq tal-laqgħa u Aġġornament**

Peress li kien sari l-ħin, is-Sindku aġġorna din il-laqgħa fid-9.00p.m. u l-Kunsill qabel li din il-laqgħa tkompli nhar it-Tlieta 05 ta' Ġunju 2012 fis-5.45p.m. fuq l-istess Agenda li diġa ġiet ċirkulata għand il-Kunsillieri.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: _______________